MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1242/1991/1

**Tommaso Montalto**

***Versus***

**Anthony Diacono bħala *chairman* għan-nom u in rappreżentanza tal-*Malta Development Corporation***

F’din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni għax qiegħed igħid illi l-korporazzjoni konvenuta ma wettqitx il-pattijiet ta’ ftehim bejn il-partijiet biex mir-riikavat tal-bejgħ ta’ ħwejjeġ mobbli tħallas xi djun fl-interess ta’ l-attur.
It-talbiet ta’ l-attur u l-premessi għalihom, u l-eċċezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, huma miġjuba f’sentenza li ngħatat fid-19 t’Ottubru 2007. F’dik is-sentenza l-qorti, wara li ċaħdet eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni mressqa mill-korporazzjoni konvenuta, qalet illi l-istess konvenuta naqset milli twettaq fil-waqt l-obbligazzjoni tagħha taħt il-ftehim dwar it-tqassim tar-rikavat tal-bejgħ, u għalhekk għandha twieġeb għad-danni li ġarrab l-attur minħabba

f'dak in-nuqqas. Ordnat ukoll illi jitkompla s-smigħ għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni.
Il-fatti huma miġjuba fis-sentenza fuq imsemmija. Essenzjalment, li ġara hu illi l-korporazzjoni konvenuta u xi soċjetajiet li kellu sehem fihom u fit-tmexxija tagħhom l-attur, kienu ftiehmu illi l-korporazzjoni tbigħ proprjetà mobbli ta' dawk is-soċjetajiet u mir-rikavat tħallas djun tas-soċjetajiet, fosthom ħlasijiet ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li għalihom kien iwieġeb personalment ukoll l-attur. Ġara illi, għalkemm il-konvenuta bigħet il-proprjetà u daħħlet il-flus tal-bejgħ sa Settembru ta' l-1991, il-kontribuzzjonijiet ħallsithom biss fit-23 ta' Settembru 1992, kwantu għal tlittax-il elf, mitejn u tmienja u tmenin lira u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm13,288.57), u fit-28 t'April 1993 kwantu għal sebat elef, erba' mija u ħamsa u disgħin lira u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm7,495.99).
Ġara wkoll illi fis-6 u fit-8 ta' Lulju 1992 – qabel ma sar l-ewwel ħlas – id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, billi l-ħlas ma kienx sar fil-pront, kiseb il-ħruġ ta' mandati ta' qbid u ta' impediment ta' safar kontra l-attur personalment, billi dan, bħala direttur, kien ukoll iwieġeb personalment għad-dejn li s-soċjetajiet kellhom lejn id-dipartiment.
L-attur issa qiegħed igħid illi minħabba dan l-impediment ta' safar ma setax jikkonkludi ftehim li kellu ma sħab barranin biex iwaqqaf soċjetà kummerċjali oħra li, fil-fehma tiegħu, kieku twaqqfet kienet tħalli qligħ. Għalhekk il-ħsieb li titwaqqaf din is-soċjetà sfaxxa u l-attur issa qiegħed jippretendi, bħala danni, l-ispejjeż li ħareġ għalxejn bi tħejjija għall-formazzjoni tas-soċjetà u t-telf ta' qligħ. Ippreżenta wkoll prospett tad-danni pretiżi minnu.
Għalkemm il-korporazzjoni konvenuta baqgħet passiva quddiem dan il-prospett, u b'ebda mod ma wriet illi qiegħda tikkontesta l-*quantum*, il-qorti madankollu hija tal-fehma illi l-pretensjonijiet ta' l-attur xejn ma huma realistiċi, kemm għax ma hemm ebda prova ta' rabta ta' kawżalità bejn in-nuqqas tiegħu li jsiefer u l-fatt illi n-negozju sfaxxa – ma kien hemm xejn xi jżomm lis-sħab ta' l-attur milli jiġu huma Malta għan-negozjati, aktar u aktar meta s-soċjetà li kellhom il-ħsieb li jwaqqfu kellha titwaqqaf f'Malta, jew milli l-attur jibgħat rappreżentant f'ismu jekk il-laqgħet kellhom bilfors jinżammu barra minn

Malta – kemm għax ma hemmx prova illi kien biss in-nuqqas ta' l-attur li jsiefer li wassal biex in-negozjati fallew, u kif ukoll għax ma hemmx prova konkreta li, ukoll li kieku s-soċjetà twaqqfet, kienet sejra tħalli qligħ; hemm preċedenti biżżejjed fit-tliet soċjetajiet l-oħra li kellu sehem fihom u fit-tmexxijia tagħhom l-attur li, għalkemm il-proġetti dwarhom dehru kbar u fattibbli, fil-fatt dawn il-proġetti kienu biss duħħan u wasslu biss għal djun.

Il-qorti għalhekk ma hijiex sejra toqgħod fuq il-prospett ta' l-attur u, minflok, sejra timxi b'analoġija ma' l-art. 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili:

**1047.** (1) Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas ta' l-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.

L-attur effettivament kien imċaħħad minn flusu għax dawn inżammu mill-konvenuta flok, kif kien il-ftehim, ġew impjegati biex jinħeles minn dejn. F'dan is-sens, kien imċaħħad minn tlittax-il elf, mitejn u tmienja u tmenin lira u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm13,288.57) għal sena, u minn sebat elef, erba' mija u ħamsa u disgħin lira u disgħa u disgħin ċenteżmu (Lm7,495.99) għal sena u seba' xhur. Id-danni għalhekk jiġu elf, tmienja u ħamsin lira u disgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm1,058.29)[1] u disa' mija u disgħa u erbgħin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm949.49)[2], b'kollox elfejn u seba' liri u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm2,007.78), daqs erbat elef, sitt mija u sitta u sebgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€4,676.87).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar it-tielet u r-raba' talbiet ta' l-attur u hekk taqta' l-kawża billi tillikwida d-danni li għalihom għandha tagħmel tajjeb il-korporazzjoni konvenuta fis-somma ta' erbat elef, sitt mija u sitta u sebgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€4,676.87) u tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-imgħaxijiet minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju sa meta jsir il-ħlas.

Billi d-danni pretiżi mill-attur kienu wisq, huwa xieraq li jħallas sehem mill-ispejjeż, li għalhekk għandhom

[1] Lm13,228.57 × 8% = Lm1,058.29.

[2] Lm7,495.99 × 8% ÷ 12 × 19 = Lm949.49

jinqasmu hekk:  parti minn tmienja (⌨) jħallasha l-attur u seba’ partijiet minn tmienja (✈) tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------